## 28 ta' Lulju, 1988

## Imħallef: –

## Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.

Kenneth Abela

*versus*

Joseph Sapiano

## Kwerela – Inġurja Gravi – Preskrizzjoni

*Il-preskrizzjoni għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali hi ta' sentejn.*

*Meta l-Qorti Inferjuri ddeċidiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzzjoni mingħajr ma tat l-opportunità li jinstema' l-kwerelant tiġi li ċaħħditu milli jġib provi li kienu indispensabbli biex issaħħaħ il-kwerela, u għalhek il-kwerelant għandu dritt ta' appell.*

Il-Qorti: –

Rat il-kwerela u ċ-ċitazzjoni li biha Joseph Sapiano ġie akkużat minn Kenneth Abela talli fit-8 ta' Jannar 1987 għall-ħabta ta' l-10.00 a.m. fil-*Marsa Shipbuilding Yard* u f'postijiet oħra f'dawn l-aħħar tliet xhur, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Kenneth Abela nġurjah gravament bil-kliem;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja, tas-7 ta' Lulju, 1987 li biha billi kkunsidrat illi jirriżulta illi l-akkuża tinsab preskritta, illiberat lill-kwerelat;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-kwerelant Kenneth Abela li peremezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tannulla l-istess sentenza għax ma ġewx segwiti l-proċeduri applikabbli għall-każ ta' kawża privata kkontemplati fl-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali u minħabba f'hekk il-kwerelant ġie impedut milli jġib il-provi indispensabbli biex isaħħaħ l-akkuża kif ikkontemplata fis-sub-inċiż (VI) ta' l-artikolu 413(1)(b), u b'hekk tordna li l-kwerela terġa' tinstema' mill-ġdid jew mill-Ewwel Qorti jew minnha stess skond il-każ, u f'kull każ tiddikjara li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħala infondata, billi sallum għadu ma għaddiex it-terminu tal-preskrizzjoni ta' sentejn applikabbli għall-każ in eżami, u għalhekk tiċħad l-istess eċċezzjoni ssollevata mill-kwerelat quddiem l-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kwerelat appellat;

Rat l-atti tal-Kawża li huma rilevanti;

Semgħet ix-xiehda tal-kwerelat Joseph Sapiano;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-appellant fis-7 ta' Lulju, 1987 f'xi ħin waqt li kien għadhom qed isiru l-kawżi tad-distrett tal-Pulizija, u ċjoè qabel ma bdew isiru l-kawżi privati ċjoè dawk bi kwerela tal-parti, daħal xi avukat fl-Awla u nforma lill-Maġistrat li l-kwerela f'dal-każ kienet preskritta. Il-Maġistrat skond l-appellant, mingħajr ma ordna li jissejjaħ il-kwerelant u d-difensur tiegħu, li kienu qed jistennew barra fil-kuridur mid-9.00 a.m. sal-12.00 a.m. qabbeż il-kawża li ienet numru 103 fis-seduta ta' dak in-

nhar, qagħad fuq il-kelma ta' l-avukat ikkonċernat u llibera lill-kwerelat għax l-akkuża preskritta;

Il-kwerelant ibbaża l-appell tiegħu fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 413(1)(b)(iv)(ii) u (vi) tal-Kodiċi Kriminali;

L-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin:

a) illi hu ġie impedut milli jġib prova li kienet indispensabbli biex isaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb. Dan ġara, skond l-appellant, għax billi hu ma ssejjaħx biex jidħol għall-kawża, ma ġiet osservata xejn il-proċedura dettaljata preskritta mill-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid b'liema ordni għandha titmexxa kawża privata. Għalhekk il-kwerelant ma kienx fi grad li jixhed u jikkonferma l-kwerela u b'hekk jispjega, jekk kien hemm bżonn ta' spejga, li l-akkuża tiegħu kienet taqa' taħt is-sub-inċiż (1) ta' l-art. 252 u mhux taħt is-sub-inċiżi (2) jew (3) ta' l-istess artikolu. Kieku sar dan u l-kwerelant ingħata l-opportunità li kienet tiegħu bi dritt – li jikkonferma l-kwerela u jixhed dwarha, qabel ma l-Qorti tgħaddi frettolożament biex tillibera, kien joħroġ ċar, kif fil-fatt joħroġ b'mod espress mit-*test* innifsu tal-kwerela, li hawn *si tratta* ta' dik li fil-prassi u fil-ġurisprudenza hija magħrufa bħala "inġurja gravi" akkampata taħt is-sub-inċiż (1) ta' l-artikolu 252, għad-distinzjoni mill-każ ta' inġurja bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem u għemil li jkun biss mhux xieraq ikkontemplat fis-sub-inċiż (2);

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li jidher ovvju li meta l-Ewwel Qorti ddikjarat l-azzjoni preskritta, kellha f'moħħa preskrizzjoni ta' tliet xhur. Imma anki hawn l-Ewwel Qorti ħadet żball għax trattandosi ta' nġurja gravi kkontemplata

fl-artikolu 252(1) il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' **sentejn** u mhux ta' tliet xhur, u ma' dan jiżdied li s-sentejn għadhom ma għaddewx;

Ikkunsidrat:

Illi mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 1987 jidher li ma sar xejn għax il-kawża ġiet sempliċement differita għas-7 ta' Lulju, 1987;

Mill-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju, 1987 jirriżulta biss li l-kwerelat Joseph Sapiano eċċepixxa l-preskrizzjoni u li xehed l-istess kwerelat dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

F'din l-istanza din il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-kwerelat Sapiano li sempliċement u stranament xehed illi kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti però ma jiftakarx x'kien qal. Anqas ma jiftakar x'ħin isejjħet il-kawża;

Minn dak li għandha quddiemha għalhekk jidher li dak li qed jallega l-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu m'hu bl-ebda mod kontraddett, anzi pjuttost hu indikattiv li dak li qed jiġi allegat minnu hu veru. Infatti mill-verbal ma jirriżultax li l-kwerelant issejjaħ u ma deherx u a propożitu kieku ġara hekk fit-termini ta' l-artikolu 374(d) jekk ma jidhirx il-kwerelant u jidher biss il-kwerelat dak li soltu jsir hu li tintalab il-liberazzjoni li fil-fatt tiġi akkordata;

Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ *una volta* l-kwerelat ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kien jinkombi fuq l-Ewwel Qorti li mhux biss tisma' lilu iżda wkoll lill-kwerelant u mhux tiddeċidi l-mertu tal-preskrizzjoni mingħajr ma tisimgħu. D'altronde dan

hu hekk aktar u aktar meta jiġi kkunsidrat li ma ntalbitx il-liberazzjoni;

Inoltre jiġi osservat li l-allegata nġurija ġrat fit-8 ta' Jannar, 1987 u għalhekk meta ngħatat is-sentenza appellata li ddikjarat il-preskrizzjoni żgur li l-Ewwel Qorti kellha f'rasha l-preskrizzjoni ta' tliet xhur. Mill-korp stess tal-kwerela u taċ-ċitazzjoni però hu ovvju li dak li kien qed jiġi addebitat lill-kwerelat kien inġurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali li ġġorr preskrizzjoni ta' sentejn u mhux ta' tliet xhur u għalhekk anki fuq dan l-aspett billi evidentement is-sentejn għadhom sallum ma għaddewx is-sentenza appellata ma tistax treġi;

Din il-Qorti però sejra tannulla s-sentenza appellata a bażi ta' l-Ewwel aggravju u dan billi l-appellant ma ngħatax l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu li mhux biss kienu permessi mil-liġi u kellu dritt iġibhom iżda anki kienu indispensabbli għal biex l-Ewwel Qorti tasal biex tiddeċidi, u biex ma jiġix stultifikat il-prinċipju tad-doppju eżami l-atti ser jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti biex kollox isir mill-ġdid;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell tal-kwerelant Abela billi tilqa' l-istess u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.